MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 173/2005

**A**

**-vs-**

**Kuraturi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici u Konvenut kienu resqu ghal cerimonja taz-zwieg bejniethom fl-10 ta' Jannar 2002;

Illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress:

1. illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

2. illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u Konvenut fl-10 ta' Jannar 2002 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-28 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-konvenuti nomine eccepixxew:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu aktar eccezzjonijiet 'l quddiem.

Illi t-talba ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha tal-kawza mhix f'waqtha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' l-attrici.

Semghet lix-xhieda tabib u s-*social worker*.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Jannar, 2002 minhabba r-ragunijiet indikati fic-citazzjoni illi jikkorrispondu ma' numru relattivi ta' sub-artikoli ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenuti kuraturi deputati ma setghux iressqu provi ghaliex l-attrici ma ghandha ebda ideja fejn jinsab il-konvenut u ghalhekk ma sarx kuntatt mieghu. Kull ma l-Qorti ghandha quddiemha huma l-provi mressqa mill-attrici, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-*

*diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall annullament tieghu l-istess zwieg ghandhu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu*

*akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi porti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-konvenut dahal ghaz-zwieg ghal-ragunijet ovvji; l-attrici fil-fatt dan kienet tafu izda jidher li billi ghandha storja tragika hi stess ghaliex skond kliemha stess, kellha problema ta' alkolizmu u dipressjoni ftit kellha fuq min torbot u dan wassalha tiehu l-pass sfortunat illi tizzewweg ghalkemm kienet taf li l-intenzjoni tal-konvenut ma kinux li jinghaqad fiz-zwieg izda li jkun jista' jiehu c-cittadinanza. Dan ikkonfermawh ix-xhieda li certament ma ghandhom ebda nteress fl-esitu tal-kawza u huma nies professjonali.

Il-Qorti pero', stante l-antecedenti ta' l-attrici ser tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Registratur taz-Zwigijiet biex jara li ma jippermettix lill-attrici terga' tizzewweg ghaliex irrizulta illi dan ma kienx l-ewwel zwieg taghha u l-Qorti ma tistax thalli dan ghaddej qisu ma gara xejn ghaliex hija konvinta li l-attrici m'hijiex f'kondizzjoni li tiehu dan il-pass.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-10 ta' Jannar, 2002. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Kif gia' inghad il-Qorti tordna li din is-sentenza tkun notifikata lir-Registratur taz-Zwiegijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------